**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 7/2022 BS**

**CG**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Angele Formosa**
**li b'digriet tal-21 ta' April 2022**
**ġiet maħtura bħala kuratur deputat sabiex**
**tirrappreżenta lil W sive VG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' CG illi ppremetta:**

ILLI l-partijiet iżżewġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) fir-Reġistru ta' Jersey, Channel Islands;

ILLI minn dan iż-żwieġ twieldet tifla waħda u cioe' [sic] ILG nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u għalhekk għandha sitt (6) snin;

ILLI l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima tat-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kopja liema kuntratt qegħda [sic] tiġi hawn anness u mmarkata bħala Dok. A;

ILLI ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom jgħixu b'mod separat minn xulxin għal aktar minn sena, u illum [sic] il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

ILLI permezz tal-istess kuntratt ta' separazzjoni ma huwa dovut l-ebda manteniment minn xi parti versu l-parti l-oħra filwaqt li l-missier jivversa manteniment fl-ammont ta' mija u ħamsin Euro (€150) fix-xahar. Illi dan il-manteniment jinsab imħallas sal-ġurnata ta' llum [sic] u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' l-istess [sic];

ILLI għalhekk jiġi dikjarat li l-partijiet m'għandhom l-ebda pretensjoni kwalsiasi fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;

ILLI r-rikorrenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B et seq. tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jitlob li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

ILLI l-kontendenti t-tnejn jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 66N tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta;

ILLI l-esponenti jaf dawn il-fatti kollha personalment u qiegħed jikkonferma dan ir-rikors bil-ġurament tiegħu;

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien qasir prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-deċiżjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodiċi Ċivili;

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimata in subbizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Angele Formosa bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsiefra VG illi eċċepixxiet:**

1. ILLI hija taqbel mal-premessi tal-attur;

2. ILLI hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni illi ż-żwieġ tagħha mal-attur CG jiġi maħlul permezz ta' divorzju minn dina l-Onorabbli Qorti b'dan illi hija m'għandiex [sic] tkun responsabbli għall-ispejjeż involuti;

3. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenuta nomine li biha ddikjarat li taqbel mal-premessi tal-attur u li mhux qed topponi t-talba *purché* hija ma għandhiex tkun responsabbli għall-ispejjeż ta' din l-istanza;

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2021;

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw;

Rat illi fir-risposta tagħha l-konvenuta mhux qed topponi t-talba iżda topponi li tħallas l-ispejjez tal-istess;

Rat ukoll li l-konvenut xehed illi ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda possibbiltà ta' rikonċiljazzjoni.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż mingħajr taxxa għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur